# STRATEĠIJA NAZZJONALI DWAR L-ADOZZJONI GĦAT-TFAL U L-FAMILJI TAGĦHOM

2019 - 2022

DOKUMENT GĦAL KONSULTAZZJONI PUBBLIKA 2019

"L-Adozzjoni hija vjaġġ tul il-ħajja. Għalija tfisser affarijiet differenti fi żminijiet differenti. Xi drabi hija parti minn min jien. Drabi oħra hija xi ħaġa li għaddejja minnha b'mod attiv."

**Kelly DiBenedetto (2017)**

## KUMMENTI U INFORMAZZJONI MILL-PUBBLIKU ĠENERALI

Napprezzaw informazzjoni dwar dan id-draft ta' din il-proposta għall-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Adozzjoni għat-Tfal u l-Familji Tagħhom (2019 – 2022). Dan id-dokument jista' jkun aċċessat minn www.konsultazzjoni.gov.mt. Il-pubbliku ġenerali huwa mistieden jagħti l-kummenti dwar din l-Istrateġija Nazzjonali li hija proposta u jgħaddi xi suġġerimenti jew kummenti sat-3 ta' Mejju 2019.

Dawn jistgħu jintbagħtu b'ittra elettronika fuq **feedback.scsa@gov.mt**

jew bil-posta f'dan l-indirizz:
Uffiċċju tar-Regolamenti u l-iStandards
Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali
469, Bugeia Institute
Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR1012

Il-pubbliku jista' wkoll iċempel fuq in-numru 2549 4474
fuq kull għajnuna biex jibgħat il-kummenti.

# WERREJ


Glossarju ........ 07

Il-Prinċipji li fuqhom hija bbażata l-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Adozzjoni għat-Tfal u l-Familji Tagħhom ........ 09

L-Istorja tal-Adozzjoni f'Malta ........ 11

Punt ta' Prijorità 1: Il-Kisba ta' Approċċ Iffukat fuq il-Klijent ........ 15

- Adozzjonijiet Lokali ........ 15
- Spejjeż Finanzjarji tal-Adozzjoni ........ 16
- Informazzjoni, Taħriġ u Sapport għall-Ġenituri Adottivi Prospettivi ........ 17
- Servizzi ta' wara l-Adozzjoni ........ 18

Punt ta' Prijorità 2: Għajnuna fl-Iżvilupp Professjonali tal-Aġenziji tal-Adozzjoni u l-Istaff ........ 21

- L-Iżvilupp Personali Kontinwu ........ 21
- Politiki u Proċeduri tal-Aġenzija ........ 22
- L-Użu tal-Midja ........ 23

Punt ta' Prijorità 3: It-Twaqqif ta' Approċċ Integrat ........ 25

- Is-Simplifikazzjoni u t-Tnaqqis tal-Burokrazija ........ 25
- Riċerka ........ 26
- Sistema ta' I.T. ........ 27
- It-Tisħiħ u l-Espansjoni tal-Arranġamenti u Proċeduri bejn Pajjiż u Ieħor ........ 28
- Pjattaforma Kollaborattiva ........ 29

Pjan ta' Azzjoni ........ 33

L-Impatt fuq Punt ta' Prijorità 1: Approċċ Iffukat fuq il-Klijent ........ 34

L-Impatt fuq Punt ta' Prijorità 2: L-Iżvilupp Professjonali tal-Aġenziji tal-Adozzjoni u l-Istaff ........ 37

L-Impatt fuq Punt ta' Prijorità 3: Approċċ Integrat Stabbilit ........ 39

Il-Kronoloġija tal-Pjan ta' Azzjoni ........ 42

Il-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni tal-Istrateġija ........ 45

Għeluq ........ 47

# GLOSSARJU

| | |
|---|---|
| **"Adottat"** | tfisser persuna jew persuni li kienu adottati qabel ma laħqu l-età ta' tmintax. |
| **"Adozzjoni"** | kif definit fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni (Kap. 495) tfisser adozzjoni lokali jew bejn pajjiż u ieħor magħmula skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att (Kap. 495), u kull regolament magħmul taħthom. |
| **"Adozzjoni bejn pajjiż u ieħor"** | kif stipulat fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni (Kap. 495) ifisser adozzjoni magħmula skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) fir-rigward tal-adozzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u l-liġi ta' pajjiż barrani:<br>1. skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1993 jew kwalunkwe Trattat Internazzjonali Malta hija Stat parti; jew<br>2. f'Malta, fir-rigward ta' wild li mhux abitwalment resident f'Malta, jew favur ta' kull persuna mhux abitwalment residenti f'Malta |
| **"Adozzjoni lokali"** | tfisser adozzjoni li tinvolvi ġenituri adottivi u wlied li fil-ħin tal-adozzjoni kienu abitwalment residenti f'Malta. |
| **"Aġenzija tal-adozzjoni"** | kif definit fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni (Kap. 495) tfisser organizzazzjoni li hija akkreditata mill-Awtorità Ċentrali, skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1993 dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Koperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u Ieħor, sabiex twettaq adozzjonijiet lokali u/jew bejn pajjiż u ieħor. |

| | |
|---|---|
| **"Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali"** | kif stabbilita permezz tal-Att 5 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali (Kap 582) imsejħa wkoll bħala 'L-Awtorità' jew 'SCSA'. |
| **"Bord għall-Adozzjoni"** | tfisser il-Bord imwaqqaf bis-saħħa tal-Artikolu 3 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni (Kap. 495). |
| **"Familja bijoloġika"** | tfisser il-familja naturali tat-tfal. |
| **"Ġenituri adottivi"** | tfisser persuna jew persuni li adottat ulied. |
| **"Ġenituri adottivi prospettivi"** | tfisser persuna jew persuni li kienu approvati mill-Bord għall-Adozzjoni bħala eliġibbli u adattati sabiex jadottaw it-tfal. |
| **"Tfittxija ta' oriġini"** | tfisser it-tfittxija mwettqa wara talba mill-persuni adottati lill-aġenzija tal-adozzjoni għall-informazzjoni dwar l-oriġini tagħhom u l-familja bijoloġika tagħhom. |

# IL-PRINĊIPJI LI FUQHOM HIJA BBAŻATA L-ISTRATEĠIJA NAZZJONALI DWAR L-ADOZZJONI GĦAT-TFAL U L-FAMILJI TAGĦHOM

L-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Adozzjoni għat-Tfal u l-Familji Tagħhom hija bbażata fuq il-prinċipji li ġejjin mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989 u l-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Koperazzjoni dwar l-Adozzjoni bejn Pajjiż u Ieħor tal-1993.

## L-AĦJAR INTERESS TAT-TFAL

Artiklu 20 u 21 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989 turi li l-adozzjoni hija waħda mill-għażliet għal kura alternattiva għat-tfal li jsibu ruħhom f'diffikultà biex jgħixu mal-familja bijoloġika. Meta jitqies li l-adozzjoni hija l-aħjar metodu biex jgħinu lit-tfal ikollhom id-dritt li jgħixu f'ambjent ta' familja u jgħinuhom fi drittijiet oħra, il-proċeduri tal-adozzjoni għandhom jimxu b'pass mgħaġġel mingħajr dewmien għalxejn.

## L-OPINJONI TAT-TFAL

Artiklu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal tistipula li tfal u żgħażagħ għandhom id-dritt li jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar dak li jkun qed jaffettwahom. Għalhekk, wara li jkunu kkunsidrati l-età u l-livell ta' fehim, l-opinjoni tat-tfal u x-xewqat tagħhom għandhom jitqiesu waqt il-proċeduri tal-adozzjoni.

## IL-PRIVATEZZA

It-tfal għandhom id-dritt li jkunu protetti minn abbuż fiżiku u psikoloġiku filwaqt li jkunu rispettati l-affarijiet privati tagħhom u ma jkunx hemm indħil jew b'xi mod iġiegħluhom jistħu. Informazzjoni dwar it-tfal tista' tinġabar u tinżamm biss kif hemm bżonn sakemm titlesta l-adozzjoni tagħhom.

## IL-PERMANENZA, L-ISTABILITÀ EMOZZJONALI U L-ISSODISFAR TAL-POTENZJAL

It-tfal għandhom id-dritt li jikbru f'familja li toffrilhom stabilità emozzjonali u tgħinhom jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom. Meta jkun ta' ħsara li t-tfal jibqgħu jgħixu fil-familja bijoloġika tagħhom, l-adozzjoni hija waħda mill-għażliet li tista' tiġi kkunsidrata fl-aħjar interess tagħhom.

## L-UGWALJANZA, L-INDIVIDWALITÀ U D-DIVERSITÀ

It-tfal għandhom id-dritt li jgħixu mingħajr diskriminazzjoni ta' kull tip irrispettivament mir-razza, il-kulur, is-sess, il-lingwa, ir-reliġjon, l-oriġini nazzjonali, etnika u soċjali, id-diżabilità, it-twelid u stat ieħor. Għandhom ikunu rispettati u ttrattati bħala individwi bħall-oħrajn u jkollhom adult li jieħu ħsiebhom b'ambjent liberu minn fastidju ta' bullying u diskriminazzjoni.

# L-ISTORJA TAL-ADOZZJONI F'MALTA

Sa mill-aħħar tal-1950, l-adozzjonijiet lokali bdew isiru mill-Knisja. Fil-fatt, il-Knisja ħolqot is-Soċjetà tal-Adozzjoni Kattolika Maltija biex tqajjem għarfien tal-bżonn ta' liġi ġdida, li għaddiet fl-1962, u tinħoloq politika ta' adozzjoni professjonali. Dak iż-żmien l-Istat beda jikkordina x-xogħol fuq is-servizzi tal-adozzjoni. Fl-1990, iċ-Ċentru tal-Adozzjoni u l-Fostering fid-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Familja beda jipprovdi s-servizz tal-adozzjoni. Fl-2005 Malta rratifikat il-Konvenzjoni tal-Aja fuq il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Koperazzjoni fl-Adozzjoni bejn pajjiż u ieħor u fl-2008 beda l-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni. Bejn l-1991 u l-2001, 164 tifel u tifla minn Malta kienu adottati minn persuni Maltin.

L-adozzjoni bejn pajjiż u ieħor mhijiex fenomenu reċenti. Dan beda wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Aktar reċenti minn hekk, fit-tmeninijiet, il-gwerra, l-inkwiet politiku, id-diżastri naturali u l-faqar wasslu biex numru kbir ta' tfal minn pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw ġew adottati minn pajjiżi żviluppati. Id-disgħinijiet kienu kkaratterizzati minn adozzjonijiet bejn pajjiż u ieħor mill-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant, b'mod partikolari mir-Rumanija, fejn il-midja weriet tfal Rumeni jgħixu ġewwa istituzzjonijiet residenzjali kbar u dan ħalla impatt b'diversi reazzjonijiet f'pajjiżi tal-Punent, fosthom Malta. 386 tifel u tifla mir-Rumanija kienu adottati mill-Maltin bejn l-1991 u l-2001.

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1993 dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Koperazzjoni tal-Adozzjoni bejn pajjiż u ieħor kienet iddisinjata sabiex tiffaċilita l-proċess tal-adozzjonijiet bejn pajjiż u ieħor, billi tistabilixxi struttura legali li timmassimizza l-potenzjal għal koperazzjoni bejn pajjiżi diversi u tnaqqas il-limitazzjonijiet li mhumiex raġonevoli biex jittieħdu tfal bejn il-fruntieri, jitnaqqas ir-riskju ta' bejgħ, il-ħtif u t-traffikar u biex jara li l-adozzjonijiet bejn pajjiż u ieħor qed isiru fl-aħjar interess tat-tfal li ser ikunu adottati.

Il-Konvenzjoni ħolqot:

- Ħolqien ta' informazzjoni formali u internazzjonali bejn l-Istati;
- Ipprovdiet lit-tfal post alternattiv u sigur barra mill-familja bijoloġika;
- Permezz tar-rwol ta' awtoritajiet ċentrali stabbiliet informazzjoni u assistenza ta' fiduċja bejn l-Istati Membri; u
- Għarfien ta' digriet tal-adozzjonijiet fi Stat firmatarju li hu aċċettat mill-Istati kollha.

Avvenimenti/ bidliet li seħħew fil-kuntest Malti tal-adozzjoni b'mod kronoloġiku:



# IT-TLETT PUNTI TA' PRIJORITÀ TAL-ISTRATEĠIJA NAZZJONALI DWAR L-ADOZZJONI GĦAT-TFAL U L-FAMILJI TAGĦHOM

**PUNT TA' PRIJORITÀ 1:** Il-Kisba ta' Approċċ Iffukat fuq il-Klijent

**PUNT TA' PRIJORITÀ 2:** Għajnuna fl-Iżvilupp Professjonali tal-Aġenziji tal-Adozzjoni u l-Istaff

**PUNT TA' PRIJORITÀ 3:** It-Twaqqif ta' Approċċ Integrat

# PUNT TA’ PRIJORITÀ 1:
## IL-KISBA TA’ APPROĊĊ IFFUKAT FUQ IL-KLIJENT

### ADOZZJONIJIET LOKALI

#### L-ISFOND:

L-iStandards Soċjali Regolatorji għall-Adozzjoni tat-Tfal diġà lesti u hemm numru sostanzjali ta’ indikaturi ta’ kwalità biex jiggwidaw l-aġenziji biex jibdew proċeduri tal-operat sabiex ikunu ċerti li l-adozzjonijiet qed jitmexxew b’mod professjonali.

L-aġenziji tal-akkreditati huma kollha stabbiliti sew u għandhom esperjenza biex jieħdu ħsieb l-adozzjonijiet b’mod ġenerali.

Fil-passat, in-numru ta’ tfal adottati lokalment kull sena kien baxx minħabba nuqqasijiet fil-liġi. Madankollu, hemm bżonn riċerka biex jidher jekk hemmx fatturi oħra, bħal pereżempju fatturi kulturali u edukattivi, li qed jinfluwenzaw dan il-fenomenu.

#### PROSPETTIVA:

L-Awtorità, permezz tal-Uffiċċju Legali u l-Uffiċċju tar-Regolamenti u l-iStandards, ser tirrevedi u tipproponi bidliet fl-Att Amministrattiv tal-Adozzjonijiet 2008 biex tieħu ħsieb aktar l-adozzjonijiet lokali u s-servizzi ta’ wara l-adozzjoni.

L-approvazzjoni tal-Att tal-Protezzjoni tal-Minuri (Kura Alternattiva) 2019 mill-Parlament Malti ser twassal biex tfal li huma tajbin għall-adozzjoni u ilhom fil-foster care għal perjodu twil ta’ żmien u qablu mal-foster

carers biex ikunu adottati. L-approvazzjoni ta' dan l-Att ser toħloq bidliet ulterjuri - bħal pereżempju bidliet fl-Att tal-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni (2008) u l-iżvilupp ta' politiki f'dan il-qasam b'mod speċjali biex tinħoloq sistema iktar b'saħħitha u sempliċi għat-tfal li huma fostered u tfal f'kura alternattiva biex ikunu adottati mingħajr ħafna proċeduri burokratiċi li ma hemmx bżonn.

L-Awtorità ser tistabilixxi Grupp ta' Riċerka Konsultattiv immexxi mill-Awtorità u li jinkludi l-Uffiċċju tal-Kummissarju tad-Drittijiet tat-Tfal, L-Università ta' Malta, l-MCAST, Aġenziji tal-Adozzjoni u Bord tal-Adozzjoni. Dan il-Grupp ser ikollu x-xogħol li jagħmel riċerka bbażata fuq l-evidenza f'taqsimiet differenti tal-adozzjoni, jara l-effetti fuq it-tfal li kienu adottati, jara l-integrazzjoni tal-istess tfal fil-familja u s-soċjetà wara l-adozzjoni, u jassessja l-impatt tal-adozzjoni fuq il-familji.

L-Awtorità, permezz ta' dan il-Grupp ta' Riċerka Konsultattiv, ser tagħmel riċerka sistematika dwar l-adozzjonijiet lokali tat-tfal u dan ser jgħin sabiex jitfa' dawl fuq il-limitazzjonijiet li jista' jkun hemm – kemm kulturali, edukattivi u ta' natura oħra.

L-aġenziji tal-adozzjoni ser jippreparaw lill-ġenituri adottivi prospettivi b'mod speċifiku biex jadottaw u jieħdu ħsieb tfal lokali. Il-preparazzjoni ser tkun ibbażata fuq riċerka u evidenza

## SPEJJEŻ FINANZJARJI TAL-ADOZZJONI

### SFOND:

B'refużjoni tal-gvern sa massimu ta' €10,000 fuq spejjeż li jkollhom il-ġenituri adottivi, huwa possibbli li jidhru l-ispejjeż u jiġu ddeterminati l-ispejjeż medji.

L-Awtorità tista' b'mod faċli tara l-ispejjeż li l-ġenituri adottivi jiltaqgħu magħhom tul l-adozzjoni billi tikkuntattja lill-ġenituri adottivi direttament.

L-Awtorità diġà qiegħda tissottoponi lill-aġenziji adottivi għal awditjar finanzjarju għalkemm kontijiet imħallsa minn ġenituri adottivi prospettivi lokali mhumiex kontrollati.

Hemm il-possibilità li l-ispejjeż barra minn Malta jogħlew ladarba jkun magħruf li ġenituri prospettivi Maltin jistgħu jitolbu lura refużjoni sa massimu ta' €10,000.

### PROSPETTIVA:

Permezz ta' konsultazzjoni ma' aġenziji u professjonisti, l-Awtorità, permezz tal-Uffiċċju tal-Awtorità Ċentrali, ser jibda proċess fejn ser jistabilixxi l-kumpens li l-aġenziji jitolbu lill-ġenituri adottivi prospettivi . Dan il-proċess ser ikun qed isegwi l-ispejjeż relatati mas-servizz ta' għajnuna wara l-adozzjoni għall-ġenituri u t-tfal u l-ispejjeż relatati għall-aġenziji tal-akkreditati.

L-Awtorità, permezz tal-Uffiċċju tal-Awtorità Ċentrali, ser taħdem mal-awtoritajiet ta' pajjiżi minn fejn ikunu adottati t-tfal biex tistabilizza l-kumpens li għandhom iħallsu l-ġenituri adottivi prospettivi f'dak il-pajjiż.

## INFORMAZZJONI, TAĦRIĠ U SAPPORT GĦALL-ĠENITURI ADOTTIVI PROSPETTIVI

### SFOND:

L-aġenziji tal-adozzjoni kollha ilhom stabbiliti għal numru ta' snin u għandhom l-esperjenza sabiex jipprovdu lill-ġenituri adottivi prospettivi bl-informazzjoni li jista' jkollhom bżonn biex jieħdu deċiżjonijiet. Madankollu l-aġenziji tal-adozzjoni jkollhom informazzjoni kbira fuq dawk il-pajjiżi minn fejn ikollhom kuntatti u jaħdmu biex iġibu t-tfal għall-adozzjoni. Informazzjoni fuq pajjiżi li jibagħtu t-tfal f'Malta għall-adozzjoni tista' tkun superfiċjali u għalhekk il-ġenituri adottivi prospettivi jistgħu ma jirċevux l-informazzjoni kollha.

Bħala taħriġ, l-aġenziji tal-adozzjoni għandhom programmi ta' taħriġ formali għall-ġenituri adottivi prospettivi. Madankollu għandu jkun hemm kurrikulu nazzjonali żviluppat minn esperti fil-qasam b'kollaborazzjoni mal-aġenziji tal-adozzjoni, ħaddiema soċjali, ġenituri adottivi u l-Awtorità u bbażat fuq aspetti kulturali lokali ta' trobbija filwaqt li jitqiesu wkoll l-aspetti multikulturali tal-familji adottivi (fejn jidħlu l-proċeduri tal-adozzjoni minn pajjiż għall-ieħor) u r-realtajiet tal-adozzjoni minn barra mill-pajjiż.

L-aġenziji tal-adozzjoni jgħinu lill-ġenituri adottivi prospettivi waqt il-fażi ta' taħriġ, il-fażi tal-Home Study Reports u l-fażi tal-qbil. Waqt it-taħriġ u l-fażi tal-Home Study Reports, il-ġenituri adottivi prospettivi jistgħu jkunu ggwidati biex jieħdu għajnuna psiko-soċjali.

### PROSPETTIVA:

L-iStandards Soċjali Regolatorji għall-Adozzjoni tat-Tfal diġà qiegħdin jirregolaw liema tip ta' informazzjoni għandhom jagħtu l-aġenziji tal-adozzjoni lill-ġenituri adottivi prospettivi fl-istadji differenti tal-preparazzjoni.

L-iStandards jagħtu wkoll deskrizzjoni tal-kontenut tal-korsijiet ta' taħriġ u għalhekk ikun hemm bażi fuq xiex jinħadmu l-programmi ta' taħriġ immexxija mill-aġenziji tal-adozzjoni.

L-Awtorità, permezz tal-Grupp ta' Riċerka Konsultattiv, ser tagħmel ukoll riċerka bbażata fuq l-esperjenza tal-aġenziji li rnexxielhom jadottaw tfal akbar, tfal minn gruppi etniċi minuri, tfal b'diżabilità jew dawk bi bżonnijiet ta' saħħa partikolari, kif ukoll aħwa kemm lokali u anke minn barra biex jirranġaw it-taħriġ għall-ġenituri adottivi prospettivi u tiżgura li t-taħriġ huwa bbażat fuq evidenzi u relevanti għar-realtajiet tal-lum meta t-tfal ikunu adottati.

L-Awtorità ser taħdem flimkien mal-aġenziji akreditati, professjonisti fil-qasam, ġenituri adottivi u tfal adottati biex tara l-politiki u tinkoraġġixxi diskussjoni dwar liema gruppi ta' tfal l-aħjar li jibbenefikaw mill-adozzjoni.

L-Awtorità, permezz tal-Grupp ta' Riċerka Konsultattiv, ser teżamina l-użu u l-kredibilità tal-Home Study Reports li jagħmlu l-ħaddiema soċjali u tiżviluppa sistemi fejn tingħata informazzjoni lil ħaddiema soċjali dwar ir-riżultat tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom.

## SERVIZZI TA' WARA L-ADOZZJONI

### SFOND:

L-aġenziji tal-adozzjoni jridu jissodisfaw l-obbligi maħruġa mill-Awtorità Ċentrali minn fejn it-tfal kienu adottati billi jagħmlu intervisti mal-ġenituri adottivi biex jagħlqu r-rapporti ta' wara l-adozzjoni li wara jingħataw lill-Awtorità Ċentrali tal-pajjiż rispettiv. Barra minn hekk, l-aġenziji tal-adozzjoni jridu jissodisfaw l-obbligi tal-leġislazzjoni lokali li jlestu r-rapporti ta' wara l-adozzjoni għat-tfal adottati lokalment għall-ewwel sentejn.

Għall-adozzjonijiet li saru qabel l-2008, informazzjoni li hija utli għal min ġie adottat dwar l-oriġini tiegħu tinġabar wara. Barra minn hekk, minħabba l-leġislazzjoni ta' xi pajjiżi, informazzjoni relevanti dwar l-adozzjoni tat-tfal jista' jkun li ma nġabritx fi żmien l-adozzjoni u mhux possibbli li tinġabar fil-futur. Hemm xi pajjiżi li ma għandhomx entità speċifika li jistgħu jikkuntattjawha u jikkordinaw dan it-tiftix tal-oriġini. Barra dan, ma hemm l-ebda qbil bilaterali li jirreferi b'mod speċifiku għal proċeduri dwar it-tiftix tal-oriġini f'pajjiżi minn fejn it-tfal kienu adottati fil-passat.

L-iStandards Soċjali Regolatorji għall-Adozzjoni tat-Tfal jindirizzaw il-kwalità ta' informazzjoni li għandha tinġabar qabel u waqt l-adozzjoni mill-aġenziji tal-adozzjoni biex eventwalment ikunu ta' użu mit-tfal adottati meta jiġu biex ifittxu l-oriġini tagħhom.

L-iStandards Soċjali Regolatorji għall-Adozzjoni tat-Tfal jagħtu l-kundizzjonijiet meħtieġa lill-aġenziji tal-adozzjoni biex ikunu f'pożizzjoni li jagħtu l-għajnuna lill-ġenituri adottivi u lit-tfal tagħhom anke wara li jinħareġ digriet ta' adozzjoni. Għalhekk, il-ġenituri adottivi jkunu jafu għand min imorru għal gwida fuq it-trobbija ta' wliedhom.

## PROSPETTIVA:

Hija realtà li t-tfal adottati għandhom ikunu megħjuna professjonalment meta jfittxu l-oriġini tagħhom. Mingħajr assistenza professjonali l-possibiltà li t-tfal adottati ma jkunux iggwidati tajjeb hija kbira. Għajnuna psiko-soċjali professjonali lit-tfal adottati, tgħinhom biex jintegraw aħjar fis-soċjetà Maltija u tgħinhom ukoll ikunu membri produttivi fis-soċjetà.

Meta l-aġenziji tal-adozzjoni jibqgħu f'kuntatt mal-pajjiżi minn fejn jinġiebu t-tfal biex jissodisfaw it-talbiet tat-tfal adottati biex isibu l-oriġini tagħhom, ikollhom il-potenzjali li jistabilixxu relazzjonijiet ta' xogħol mal-organizzazzjonijiet u entitajiet governattivi u jibnu reputazzjoni tajba li tista' tgħin meta tintbagħat informazzjoni dwar il-ġenituri adottivi prospettivi biex jadottaw lit-tfal f'dak il-pajjiż.

L-Awtorità, permezz tal-Uffiċċju tal-Awtorità Ċentrali, ser tkabbar il-kuntatt ma' pajjiżi stabbiliti minn fejn it-tfal huma adottati biex tiżgura l-iżvilupp ta' dokumentazzjoni aħjar dwar iċ-ċirkostanzi tat-tfal li jkunu adottati.

Bħal ma ntqal qabel, bidliet fl-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni tal-2008 kif propost mill-Uffiċċju Legali tal-Awtorità u l-Uffiċċju tar-Regolamenti u l-iStandards, ser iħallu lill-familji bijoloġiċi biex jibdew proċeduri sabiex jippruvaw jistabilixxu kuntatt mat-tfal adottivi. Ir-reviżjoni u l-implimentazzjoni tal-iStandards Soċjali Regolatorji għall-Adozzjoni tat-Tfal ser tagħmilha possibbli li tinżamm informazzjoni tajba għat-tfal li jkunu adottati lokalment.

L-Uffiċċju tar-Regolamenti u l-iStandards fl-Awtorità ser jirrevedi b'mod regolari l-Linji Gwida tal-iStandards Soċjali Regolatorji għall-Adozzjoni tat-Tfal. Dan ser jiżgura li l-Awtorità Ċentrali u l-politiki u l-proċeduri tal-aġenziji tal-adozzjoni huma ssettjati biex jimmassimizzaw l-benefiċċji tas-servizzi ta' wara l-adozzjoni għall-ġenituri adottivi u t-tfal li jkunu adottati.

# PUNT TA' PRIJORITÀ 2:
## GĦAJNUNA FL-IŻVILUPP PROFESSJONALI TAL-AĠENZIJI TAL-ADOZZJONI U L-ISTAFF

### L-IŻVILUPP PROFESSJONALI KONTINWU

#### SFOND:

Il-Home Study Reports huma bbażati fuq żjarat fid-djar u intevisti mill-ħaddiema soċjali tal-aġenzija mal-ġenituri adottivi prospettivi. Sal-lum, l-aġenziji jħarrġu l-istaff tagħhom bir-riżorsi li għandhom. Dan iwassal biex il-livell u l-kontenut tat-taħriġ ivarja minn aġenzija għal oħra. L-istess, l-iżvilupp professjonali tal-istaff jista' jkun limitat mir-riżorsi tal-aġenziji u l-abiltà li jagħtu taħriġ lill-istaff tagħhom.

It-twettiq tal-Att Amministrattiv tal-Adozzjoni (2008) u l-akkreditazzjoni tal-aġenziji fl-2012 wasslu għat-tkabbir tal-valur tas-servizzi ta' qabel l-adozzjoni. Madankollu, is-servizzi ta' wara l-adozzjoni baqgħu ma ġewx żviluppati daqstant u jiffukaw biss fuq ir-rapporti ta' wara l-adozzjoni.

#### PROSPETTIVA:

L-aġenziji tal-adozzjoni, bl-għajnuna tal-Awtorità, ser ikomplu jiżviluppaw taħriġ professjonali għall-ħaddiema soċjali li jaħdmu magħhom, b'mod partikolari, fejn għandu x'jaqsam l-iżvilupp tat-tfal, il-ġibda tat-tfal, u l-impatt u t-trattament ħażin u n-negliġenza fuq it-tfal kif ukoll l-impatt tad-dewmien għall-kisba ta' permanenza fuq it-tfal. L-aġenziji ser jiżviluppaw ukoll l-għarfien u l-ħiliet li għandhom bżonn il-ħaddiema soċjali biex jagħmlu Home Study Reports tajbin u ta' kwalità.

L-aġenziji tal-adozzjoni, bl-għajnuna tal-Awtorità ser jiżviluppaw taħriġ professjonali għas-social workers u professjonisti oħra li jħaddmu magħhom sabiex ikollhom l-għarfien u l-ħiliet biex jaħdmu fuq argumenti

li joħorġu t-tfal dwar etniċità, kultura u lingwa u jieħdu għarfien aktar dwar dawn il-punti u r-relazzjoni tagħhom mal-esperjenzi li għaddew minnhom it-tfal u l-iżvilupp futur tagħhom.

L-Awtorità, permezz tal-Uffiċċju tal-Ispettorat, ser tiżgura li l-aġenziji għandhom servizzi ta' għajnuna għad-diffikultajiet emozzjonali u ta' mġiba tat-tfal adottati ladarba huma, aktar minn tfal oħra, jista' jkollhom diffikultajiet kliniċi f'diversi fażijiet f'ħajjithom.

## POLITIKI U PROĊEDURI TAL-AĠENZIJA

### SFOND:

L-aġenziji tal-adozzjoni kollha għandhom politiki u proċeduri miktubin dwar taħriġ, proċeduri ta' assessjar u qbil tal-ġenituri adottivi prospettivi mat-tfal f'każ ta' adozzjonijiet lokali kif meħtieġ mill-Att Amministrattiv tal-Adozzjoni (2008). L-iStandards Soċjali Regolatorji għall-Adozzjoni tat-Tfal jindikaw ukoll partijiet oħra fejn l-aġenziji tal-adozzjoni għandu jkollhom politiki u proċeduri f'posthom.

Barra minn hekk, l-iStandards Soċjali Regolatorji għall-Adozzjoni tat-Tfal juru numru ta' indikaturi ta' prestazzjoni għal kull Standard. F'ħafna każijiet, biex iħaddmu dawn l-indikaturi, l-aġenziji tal-adozzjoni għandu jkollhom proċeduri miktubin sabiex jiggwidaw lill-istaff.

### PROSPETTIVA:

L-Uffiċċju tar-Regolamenti u l-iStandards u l-Uffiċċju tal-Awtorità Ċentrali ser jaħdmu mal-aġenziji tal-adozzjoni sabiex jiżviluppaw struttura għal politiki u proċeduri tal-aġenzija filwaqt li jivverifikaw kemm huma effettivi.

L-Awtorità, permezz tal-Uffiċċju tal-Ispettorat, ser tiżgura li l-aġenziji jimplimentaw il-politiki u l-proċeduri li qabel xejn jieħdu ħsieb l-aħjar interessi tat-tfal li qegħdin fis-servizzi adottivi u li dawn jilqgħu u anke jeċedu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jissettjaw il-Linji Gwida għall-iStandards Soċjali Regolatorji għall-Adozzjoni tat-Tfal. B'dan il-mod, it-tfal adottati, il-ġenituri adottivi u l-familji bijoloġiċi jingħataw servizzi tal-ogħla kwalità.

## L-UŻU TAL-MIDJA

### SFOND:

Hemm żewġ aspetti tal-użu tal-midja – speċjalment il-midja soċjali, li teffettwa diversi aspetti tal-proċess tal-adozzjoni. L-użu etiku tal-midja soċjali mill-aġenziji tal-adozzjoni huwa inkoraġġat għaliex huwa sors ta' informazzjoni għall-ġenituri adottivi prospettivi u għat-tfal adottati. Madankollu, sal-lum, ma hemm l-ebda Linji Gwida li għandhom isegwu l-aġenziji tal-adozzjoni f'termini ta' komunikazzjoni elettronika.

Ġenituri adottivi prospettivi jistgħu jkunu qed ifittxu informazzjoni dwar l-adozzjonijiet b'mod ġenerali jew aktar partikolari fuq l-adozzjoni tagħhom. Dan iħallihom vulnerabbli u jistgħu jkunu infurmati ħażin għaliex mhumiex ikunu ggwidati minn professjonisti minn aġenzija tal-adozzjoni. Dan jista' jwassalhom għal prattiċi li ma jkunux legali jew li ma jimxux fuq konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tat-tfal.

Tfal adottati jistgħu wkoll jużaw il-midja soċjali biex ikunu jafu aktar dwar l-adozzjoni tagħhom u jippruvaw jikkuntattjaw lill-familji bijoloġiċi tagħhom b'mod faċli. Madankollu, għal darb'oħra dawn ikunu vulnerabbli, speċjalment jekk il-ġenituri adottivi tagħhom ma jkunux jafu li qegħdin ifittxu l-oriġini tagħhom u mhumiex ikunu megħjuna minn professjonisti.

### PROSPETTIVA:

L-Uffiċċju tar-Regolamenti u l-iStandards u l-Uffiċċju tal-Awtorità Ċentrali ser jiżviluppaw Linji Gwida għall-aġenziji tal-adozzjoni li jinkoraġġuhom biex jagħmlu kuntatt ma' ġenituri adottivi u ġenituri adottivi prospettivi permezz tal-midja soċjali. Dan jgħin jistabilixxu kuntatt personali u jiżviluppaw fiduċja u komunikazzjoni bejn l-istaff tal-aġenzija u l-ġenituri. Fl-istess ħin, ġenituri adottivi u ġenituri adottivi prospettivi jridu jkunu konxji li għal ċertu servizzi jew pariri hemm bżonn ta' laqgħat wiċċ imb wiċċ flimkien mal-istaff tal-aġenzija. L-aġenziji għandhom ukoll jirrakkomandaw sorsi oħra ta' informazzjoni għal dawn il-persuni.

Huwa importanti wkoll li ġenituri adottivi u tfal adottati jkunu konxji li l-aktar sors sigur ta' informazzjoni dwar it-tiftix tal-oriġini tat-tfal huwa permezz tal-aġenziji. L-aġenziji għandhom ikunu f'pożizzjoni li jgħinu lit-tfal adottati u jiggwidawhom fl-użu tal-midja soċjali.

# PUNT TA' PRIJORITÀ 3:
## IT-TWAQQIF TA' APPROĊĊ INTEGRAT

### IS-SIMPLIFIKAZZJONI U T-TNAQQIS TAL-BUROKRAZIJA

**SFOND:**

L-approvazzjoni tal-Att Amministrattiv tal-Adozzjoni (2008) serva biex jistabilixxi l-Awtorità Ċentrali u l-aġenziji tal-adozzjoni li, min-naħa tagħhom, ikollhom qafas legali għas-servizzi tal-adozzjoni biex ikunu aktar professjonali u responsabbli. Il-ġenituri adottivi prospettivi huma eżaminati bir-reqqa u ppreparati mill-aġenziji tal-adozzjoni biex ikunu ġenituri adottivi. Il-Bord tal-Adozzjonijiet jara b'mod indipendenti d-dokumentazzjoni tal-ġenituri adottivi prospettivi qabel ma jiddeċiedi jekk għandhomx ikunu kkunsidrati bħala ġenituri adottivi jew le. Skont jekk il-ġenituri adottivi humiex ser jadottaw tfal lokalment jew minn barra, il-Qrati jew l-Awtorità Ċentrali tapprova d-deċiżjonijiet tal-Bord. Hemm ukoll entitajiet oħra tal-gvern – bħall- Ministeru tal-Affarijiet Barranin, il-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Kunsilli Lokali u l-Ministeru tas-Saħħa li għandhom rwoli pertinenti fil-proċess tal-adozzjoni. Il-bżonn ta' reviżjonijiet u bilanċ u l-bżonn ta' trasparenza fil-proċeduri li jinvolvu t-tfal, iwasslu għal element ta' burokrazija u proċeduri li jieħdu l-ħin. Madankollu, wieħed għandu jżomm f'moħħu li huwa fl-aħjar interess tat-tfal li l-proċeduri tal-adozzjoni ma jdumux, biex it-tfal jibdew jgħixu ħajja stabbli f'familja li tħobbhom, f'qasir żmien.

**PROSPETTIVA:**

Il-Grupp ta' Riċerka Konsultattiv ser jibda studju tal-fażijiet kollha tal-proċess tal-adozzjoni li jsir lokalment biex jistabilixxi ż-żmien medju li l-ġenituri adottivi prospettivi għandhom bżonn biex ilestu dawn il-fażijiet sabiex jippreżenta r-rakkomandazzjonijiet kif dawn iż-żminijiet jistgħu jitqassru mingħajr ma tintmiss l-integrità tal-proċeduri tal-adozzjoni.

Ladarba ż-żmien tal-proċeduri ta' kull pass tal-adozzjoni jkun maqbul mill-partijiet involuti, l-Awtorità permezz tal-Uffiċċju tal-Ispettorat, ser tmexxi assessjar tal-ħidma biex tħalli entitajiet differenti jieħdu ħsieb ix-xogħol tagħhom u, fejn jaqbel, iqabbluh ma' dak ta' oħrajn.

## IR-RIĊERKA

### SFOND:

L-adozzjoni nbidlet ħafna fl-aħħar 30 sena. L-iskop ewlieni huwa li tipprovdi sigurtà u relazzjonijiet familjari permanenti għal uħud mit-tfal l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà.

Bil-ħsieb ta' dan huwa importanti ħafna li jittieħdu inizjattivi kemm preventivi u anke proattivi sabiex ikunu identifikati temi u messaġġi li jistgħu jidhru fil-futur qrib. Għalhekk, huwa importanti ħafna li l-Awtorità tkompli tieħu ħsieb u tevalwa l-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni, standards u regolamenti varji fil-qasam tal-adozzjonijiet.

Dan iwassal għall-pjanijiet tal-Istrateġija Nazzjonali biex tippromwovi użu ikbar ta' miżuri kreattivi u innovattivi, biex ittejjeb is-servizz tal-adozzjoni, u tpoġġi lit-tfal fiċ-ċentru tal-proċess tal-adozzjoni.

### PROSPETTIVA:

Il-Grupp ta' Riċerka Konsultattiv ser jiffoka wkoll fuq aspetti ta' politiki u prattika li ma kinux riċerkati biżżejjed qabel u jara l-isfidi ewlenija għall-adozzjoni fis-seklu 21. Dan il-grupp ser janalizza partijiet li jqabblu l-politiki tal-aġenziji tal-adozzjoni mat-taħriġ tal-ġenituri adottivi prospettivi. Ser jiddeskrivi u jikklassifika kif l-aġenziji jittrattaw u jqabblu l-effettività relattiva tagħhom, ir-riżultati u l-ispejjeż. Barra minn hekk, studju bħal dan jista' jidentifika l-indikaturi ta' mudelli tajbin ta' taħriġ u jissuġġerixxi metodi kif dawn jistgħu jiġu mtejba.

Dan il-Grupp jista' wkoll iqabbel, jevalwa u jara kemm jiswew servizzi li jgħinu lill-ġenituri bijoloġiċi u l-familji tat-tfal li huma adottati, u jgħin wara l-adozzjoni f'każ fejn isir it-tiftix tal-oriġini. L-istudju ser jara r-rabtiet li huma possibli bejn ir-riżultati ta' min juża s-servizz, l-għoti tas-servizz u l-ispejjeż tas-servizz.

Tema oħra li tista' tiġi studjata mill-Grupp ta' Riċerka Konsultattiv hija t-tkabbir tal-valur tat-trobbija adottiva. Studju bħal dan jista' jara programmi ta' trobbija differenti bħal programmi ta' trobbija konjittiva u komportamentali jew programm edukattiv dwar it-trobbija ta' tfal bi bżonnijiet speċjali, biex jiġi determinat liema huwa l-aktar programm effettiv meta miżjud mas-servizz Standard.

Ladarba huwa magħruf li rapporti b'deskrizzjonijiet qosra ma tantx jaslu għand dawk kollha li għandhom interess għal dawn il-messaġġi, il-Grupp ta' Riċerka Konsultattiv jista' jiżviluppa strateġija usa' ta' tqassim u implimentazzjoni. Materjal, li jinkludi sommarji tar-rapporti tar-riċerka, intervisti ma' min juża s-servizzi, min joffri s-servizz u riċerkaturi, u materjal ieħor jista' jkun ippubblikat fuq is-sit tal-Awtorità.

## IS-SISTEMA TAL-I.T.

### SFOND:

Bħalissa, is-sistema tal-I.T. użata mill-entitajiet kollha involuti hija 'awtonoma' u mhux bilfors magħquda. L-informazzjoni miġbura fuq uħud mis-sistemi tal-I.T. tista' tkun retrospettiva u għalhekk ma tagħtix stampa tal-mument tal-proċess li jkun għaddej. Dan ifisser ukoll li jista' jkun hemm xogħol doppju bejn l-entitajiet.

### PROSPETTIVA:

Sistema tal-I.T. tipprovdi approċċ ġdid u aktar konsistenti biex tiġi aċċessata l-informazzjoni miżmuma fir-rekords tal-aġenziji tal-adozzjoni u dwar il-ġenituri adottivi prospettivi, min ġie adottat u l-proċess kollu tal-adozzjoni. Barra milli fl-istess ħin tiżgura li t-tqassim ta' informazzjoni sensittiva dwar nies adottati u l-familji bijoloġiċi tagħhom tkun protetta u li t-tqassim tagħha huwa suġġett għal sigurtà.

Barra minn hekk, l-Awtorità Ċentrali ser tkun taf eżatt f'liema stadju eżatt qegħdin il-ġenituri adottivi prospettivi kollha sabiex tagħmel monitoraġġ u tevalwa ż-żminijiet stabbiliti.

Sistema bħal din ser tiffaċilita l-ġbir tal-informazzjoni, analiżi u identifikar ta' temi u problemi li jistgħu jinqalgħu. Għalhekk, din is-sistema ser tgħin lill-Awtorità biex tindirizza dawn il-problemi u tmexxi riformi neċessarji.

## IT-TISĦIĦ U L-ESPANSJONI TAL-ARRANĠAMENTI U PROĊEDURI BEJN PAJJIŻ U IEĦOR

### SFOND:

Sal-lum, Malta għandha erba' arranġamenti bilaterali dwar l-adozzjoni tat-tfal ma' pajjiżi oħra – uħud minnhom huma firmatarji tal-Konvenzjoni tal-Aja filwaqt li oħrajn mhumiex. Waħda mir-raġunijiet ewlenin għal dawn l-arranġamenti hija biex ikun żgurat li l-aħjar interessi tat-tfal huma miżmuma u li t-tfal huma adottati permezz ta' mezzi legali li juru trasparenza fil-proċeduri tal-adozzjoni u għalhekk inaqqsu ċ-ċans li t-tfal jiġu adottati għal raġunijiet ħżiena (bħal dħul finanzjarju) aktar milli għall-aħjar interess tat-tfal. Wieħed mill-prinċipji għal dawn l-arranġamenti huwa l-prinċipju ta' sussidjarjetà – fejn il-pajjiż li jibgħat lit-tfal ma jkollux aktar soluzzjonijiet domestiċi qabel ma t-tfal ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati għall-adozzjoni bejn pajjiż u ieħor.

Qabel ma bdiet l-Awtorità, meta jistabilixxi arranġament bilaterali ma' pajjiż ieħor dwar adozzjonijiet bejn pajjiż u ieħor, il-predeċessur tal-Awtorità kien imexxi eżerċizzju ta' diliġenza fuq l-istituzzjonijiet tal-pajjiż u l-integrità tagħhom fl-ipproċessar tad-domandi tal-adozzjoni bejn pajjiż u ieħor.

Il-predeċessur tal-Awtorità kien ukoll jikkordina mal-Ministeri, b'mod partikolari, il-Ministeru tas-Saħħa, il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, il-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Kunsilli Lokali, u entitajiet oħra governattivi, kemm fl-iżvilupp ta' arranġamenti bilaterali kif ukoll fi proċeduri li jkunu għadhom għaddejjin waqt id-diversi fażijiet tal-adozzjoni tat-tfal minn wieħed minn dawn il-pajjiżi barranin.

### PROSPETTIVA:

L-Awtorità ser taħdem ma' awtoritajiet ċentrali jew awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi li Malta għandha arranġamenti bilaterali għall-adozzjoni tat-tfal, biex tkabbar il-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet konċernati sabiex tiffaċilita l-adozzjoni tat-tfal mill-pajjiżi rispettivi.

L-Awtorità ser tħaddem entita indipendenti li għandha esperjenza biex tagħmel riċerka tajba sabiex tassessja u tirraporta s-sitwazzjoni tal-proċessi u l-proċeduri ta' pajjiżi oħra li magħhom, sal-lum, Malta ma

għandha l-ebda ftehim bilaterali u minn fejn ġenituri adottivi prospettivi jistgħu jikkunsidraw li japplikaw biex jadottaw lit-tfal.

L-Awtorità, permezz tal-Uffiċċju tal-Awtorità Ċentrali, ser twaqqaf Grupp għas-Simplifikar għall-Proċess tal-Adozzjoni magħmul minn rappreżentanti minn Ministeri differenti u entitajiet governattivi sabiex jassessjaw il-proċessi tal-adozzjoni u jirrikmandaw bidliet biex jeliminaw dewmien bla bżonn u jnaqqsu l-burokrazija fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet minn persuni li jixtiequ jadottaw tfal lokali jew tfal li joqogħdu barra minn Malta.

## PJATTAFORMA KOLLABORATTIVA

### SFOND:

Waħda mill-ewwel azzjonijiet tal-Awtorità kienet il-ħolqien ta' Pjattaforma Kollaborattiva magħmula minn rappreżentanti tal-Awtorità u l-aġenziji tal-adozzjoni kollha sabiex jiltaqgħu tal-inqas darba kull tliet xhur biex jiddiskutu dwar dawk l-affarijiet li qed jaffettwaw is-servizzi tal-adozzjoni u jiżguraw li dawn is-servizzi jissaħħu.

### PROSPETTIVA:

Il-Pjattaforma Kollaborattiva ser tipprovdi informazzjoni kruċjali għall-Awtorità f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-iStandards Soċjali Regolatorji għall-Adozzjoni tat-Tfal, is-simplifikar u t-tnaqqis tal-burokrazija, kif ukoll l-iżvilupp professjonali tal-istaff li jaħdmu mat-tfal adottati u l-familji tagħhom.

# L-IMPATT TAL-PJAN TA' AZZJONI FUQ IT-TLETT PUNTI TA' PRIJORITÀ

**L-IMPATT FUQ PUNT TA' PRIJORITÀ 1:** Approċċ Iffukat fuq il-Klijent

**IMPATT FUQ PUNT TA' PRIJORITÀ 2:** L-Iżvilupp Professjonali tal-Aġenziji tal-Adozzjoni u l-Istaff

**L-IMPATT FUQ PUNT TA' PRIJORITÀ 3:** Approċċ Integrat Stabbilit

# PJAN TA' AZZJONI

L-Istrateġija Nazzjonali twila tliet snin hija kkunsidrata li ser tinvolvi diversi partijiet ikkonċernati u entitajiet li l-Awtorità ser ikollha l-kordinazzjoni tagħhom. It-tliet punti ta' prijorità – (1) Il-kisba ta' approċċ iffukat fuq il-klijent; (2) L-għajnuna għall-iżvilupp professjonali tal-aġenziji tal-adozzjoni u l-istaff; u (3) It-twaqqif ta' approċċ integrat li għandu bżonn ta' 25 punt ta' informazzjoni mqassma fi gruppi ta' 9 temi li għandhom jintemmu fiż-żmien stipulat kif indikat fit-Tabella tal-Kronoloġija tal-Pjan ta' Azzjoni. Id-dritt tal-pussess tal-akkwist ta' kull informazzjoni huwa indikat ukoll.



## L-IMPATT FUQ PUNT TA' PRIJORITÀ 1: APPROĊĊ IFFUKAT FUQ IL-KLIJENT

### RENDIMENTI:

1.1 L-Uffiċċju Legali u l-Uffiċċju tar-Regolamenti u l-iStandards jirrevedu u jipproponu tibdiliet għall-Att Amministrattiv tal-Adozzjoni (2008);

1.2 L-Uffiċċju tar-Regolamenti u l-iStandards jiżviluppa politiki bbażati fuq l-approvazzjoni tal-liġi tal-Protezzjoni tal-Minuri (Kura Alternattiva) Att 2019;

1.3 It-twaqqif ta' Grupp ta' Riċerka Konsultattiv;

1.4 Il-Grupp ta' Riċerka Konsultattiv imexxi riċerka dwar l-adozzjoni lokali tat-tfal;

1.5 L-aġenziji tal-adozzjoni jippreparaw lill-ġenituri adottivi prospettivi b'mod speċifiku biex jadottaw tfal lokali;

1.6 Il-Pjattaforma Kollaborattiva tikkonsulta mal-aġenziji biex tistabilixxi l-ħlas tas-servizzi tal-adozzjoni;

1.7 L-Uffiċċju tal-Awtorità Ċentrali jibda djalogu mal-awtoritajiet ċentrali tal-pajjiżi li jibagħtu lit-tfal biex jiddetermina l-ispejjeż tal-adozzjonijiet minn barra minn Malta;

1.8 L-aġenziji tal-adozzjoni jirranġaw il-korsijiet ta' taħriġ għall-ġenituri adottivi prospettivi;

1.9 Il-Grupp ta' Riċerka Konsultattiv jagħmel riċerka dwar l-adozzjoni ta' gruppi speċifiċi ta' tfal;

1.10 Il-Grupp ta' Riċerka Konsultattiv jagħmel riċerka dwar il-Home Study Reports;

1.11 L-Uffiċċju tal-Awtorità Ċentrali jibda djalogu ma' pajjiżi stabbiliti biex ikabbar il-ġbir ta' informazzjoni tat-tfal adottati;

1.12 L-Uffiċċju Legali u l-Uffiċċju tar-Regolamenti u l-iStandards jipproponu bidliet fl-Att tal-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni (2008) f'relazzjoni mar-riċerka tal-oriġini;

1.13 L-Uffiċċju tar-Regolamenti u l-iStandards jirrevedi l-Linji Gwida għall-iStandards Soċjali Regolatorji għall-Adozzjoni tat-Tfal.

## RISKJI U MITIGAZZJONI:

- Nuqqas ta' impenn u kisba mill-partijiet interessati.
- L-approvazzjoni politika u parlamentari hija neċessarja għal bidliet ta' politiki u lesġislattivi.
- Hemm bżonn ta' fondi allokati fil-baġit tal-Awtorità għar-riċerka u l-komponenti tat-taħriġ.
- Hemm bżonn ta' riżorsi umani żejda li jkunu assenjati mal-Awtorità għall-Uffiċċju tar-Regolamenti u l-iStandards, l-Uffiċċju tal-Awtorità Ċentrali, l-Uffiċċju tal-Ispettorat u l-Uffiċċju ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità.
- Il-partijiet interessati ser ikunu involuti b'mod dirett fil-fażijiet tal-bidu biex ikollhom il-kisba tal-informazzjoni meħtieġa biex jakkwistaw ir-riżultati ta' dawn il-punti ta' prijorità.
- Il-proċess ta' konsultazzjoni u d-djaloġu miftuħ ser jinżammu f'livell politiku u parlamentari.
- Projezzjonijiet finanzjarji u monitoraġġ tal-ispejjeż isaħħu t-talba bikrija mill-Awtorità permezz tal-Ministeru tal-Familja, id-Drittijiet tal-Tfal u Solidarjetà Soċjali għal fondi żejda meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali.
- L-Awtorità tqassam ir-riżorsi umani meħtieġa mid-diversi uffiċċji skont il-pjanijiet tar-Riżorsi Umani għas-snin futuri.

## RIŻULTATI:

1.1 L-Att Amministrattiv tal-Adozzjoni jipprovdi aktar dettalji għall-adozzjonijiet lokali u s-servizzi ta' wara l-adozzjoni;

1.2 Hemm triq li hija aktar sempliċi u b'saħħitha għat-tfal li huma fostered u għat-tfal li qegħdin f'kura alternattiva sabiex ikunu adottati mingħajr proċeduri burokratiċi;

1.3/1.4 Problemi li jistgħu jinqalgħu fl-adozzjoni ta' tfal adottati lokalment huma spjegati u indirizzati;

1.5 Il-preparazzjoni tal-ġenituri adottivi prospettivi għall-adozzjoni ta' tfal lokali hija bbażata fuq riċerka minn evidenza;

1.6 Jitħallsu biss l-ispejjeż u ħlasijiet, inklużi tariffi raġonevoli ta' nies professjonali involuti fl-adozzjoni;

1.7 Il-ġenituri adottivi prospettivi huma infurmati aħjar tal-ispejjeż u huma kapaċi jidentifikaw prattiċi finanzjarji li mhumiex raġonevoli;

1.8/1.9 It-taħriġ li jirċievu l-ġenituri adottivi prospettivi huwa bbażat fuq l-evidenza u relevanti għar-realtajiet kurrenti meta jadottaw lit-tfal;

1.10 Il-ħaddiema soċjali jirċievu informazzjoni u rakkomandazzjonijiet fuq titjib tal-Home Study Reports;

1.11 Hemm dokumentazzjoni aħjar fuq it-tfal adottati biex tgħin meta jkun hemm talbiet ta' tiftix fuq l-oriġini;

1.12 Il-familji bijoloġiċi għandhom il-possibiltà li jistabilixxu kuntatt mat-tfal li jkunu adottati;

1.13 Il-politiki u l-proċeduri tal-aġenziji tal-adozzjoni jimmassimizzaw il-benefiċċji tas-servizzi ta' wara l-adozzjoni.

## IMPATT FUQ PUNT TA’ PRIJORITÀ 2: L-IŻVILUPP PROFESSJONALI TAL-AĠENZIJI TAL-ADOZZJONI U L-ISTAFF

### RENDIMENTI:

2.1 L-aġenziji tal-adozzjoni jħarrġu lill-istaff fl-iżvilupp tat-tfal, il-ġibda tat-tfal, it-trattament ħażin u ċ-ċaħda tat-tfal u l-effetti fid-dewmien biex jiksbu l-permanenza;

2.2 L-aġenziji tal-adozzjoni jħarrġu lill-istaff fuq argumenti importanti li jistgħu jinqalgħu minħabba l-etniċità, il-kultura u l-lingwa tat-tfal;

2.3 L-Awtorità tiżviluppa strutturi li jassistu lill-aġenziji sabiex jiżviluppaw politiki u proċeduri;

2.4 L-Awtorità tiżviluppa linji gwida biex l-aġenziji jużaw il-midja soċjali sabiex jikkomunikaw mal-ġenituri adottivi prospettivi.

### RISKJI U MITIGAZZJONI

- L-aġenziji tal-adozzjoni ma jagħtux prijorità u ma jallokawx riżorsi biżżejjed fit-taħriġ tal-istaff fil-livell meħtieġ.
- L-Awtorità ma għandhiex biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani biex tiżviluppa politiki u Linji Gwida fiż-żmien stabbilit.

- L-aġenziji tal-adozzjoni ser ikunu mħarsa u megħjuna sabiex jassistu fit-tqassim tar-riżorsi biex jingħata taħriġ ta’ kwalità.
- Il-pjanijiet finanzjarji u tar-riżorsi umani għas-snin li ġejjin ser jikkunsidraw l-implimentazzjoni ta’ komponenti differenti fl-Istrateġija Nazzjonali.

### RIŻULTATI:

2.1/2.2 It-tfal adottati u l-ġenituri adottivi għandhom aċċess faċli għas-servizzi ta’ għajnuna psiko-soċjali meta t-tfal adottati jkollhom diffikultajiet emozzjonali u ta’ mġiba;

2.1/2.2 L-aġenziji tal-adozzjoni għandhom il-kompetenza li jgħinu lit-tfal adottati u lill-familji tagħhom meta t-tfal ikollhom diffikultajiet f’ċerti fażijiet f’ħajjithom;

2.3 L-aġenziji tal-adozzjoni għandhom il-politiki u l-proċeduri li jilħqu u jaqbżu l-kundizzjonijiet mitluba mill-iStandards;

2.4 Il-persuni involuti fl-adozzjoni huma esposti għal informazzjoni fuq l-internet li hija pertinenti u fattwali.

## L-IMPATT FUQ PUNT TA' PRIJORITÀ 3: APPROĊĊ INTEGRAT STABBILIT

### RENDIMENTI:

3.1 Il-Grupp ta' Riċerka Konsultattiv jibda studju taż-żmien ta' kull fażi tal-proċeduri tal-adozzjoni lokali u jirrakkomanda perjodi ta' żmien effiċjenti u effettivi;

3.2 Il-Grupp ta' Riċerka Konsultattiv jistudja aspetti li qabel ma ġewx riċerkati biżżejjed fil-politika u prattika fil-proċeduri tal-adozzjoni kif ukoll fit-taħriġ tal-ġenituri adottivi prospettivi, fis-servizzi tat-tiftix tal-oriġini u l-ħiliet tat-trobbija adottiva,

3.3 L-Awtorità, permezz tal-Uffiċċju ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità, tidentifika mezzi xierqa għat-tqassim tar-riċerka u tar-rakkomandazzjonijiet;

3.4 L-Awtorità, permezz tal-Uffiċċju tar-Regolamenti u l-iStandards u l-Uffiċċju tal-Awtorità Ċentrali, toħloq sistema tal-I.T. li tista' tkun aċċessata kemm mill-provdituri tas-servizz kif ukoll minn entitajiet pertinenti;

3.5 L-Uffiċċju tal-Awtorità Ċentrali jqabbad awtoritajiet ta' pajjiżi stabbiliti biex itejbu s-servizzi tal-adozzjoni;

3.6 Entità indipendenti tagħmel eżerċizzju ta' diliġenza fuq pajjiżi li jistgħu jkunu miftuħa biex jaċċettaw applikazzjonijiet mingħand ġenituri adottivi prospettivi Maltin biex jadottaw lit-tfal;

3.7 L-Awtorità twaqqaf Grupp għas-Simplifikar għall-Proċess tal-Adozzjoni biex jassessja l-proċess tal-adozzjoni u jelimina d-dewmien żejjed;

3.8 Il-Pjattaforma Kollaborattiva tagħti informazzjoni lill-Awtorità fuq l-implimentazzjoni tal-iStandards u r-rakkomandazzjonijiet tal-aġenziji.

### RISKJI U MITIGAZZJONI:

- L-awtoritajiet ċentrali ta' pajjiżi oħra huma kruċjali, madankollu jista' jkun li ma jkollhomx ix-xewqa politika jew ir-riżorsi biex iwettqu l-bidliet meħtieġa fil-pajjiż rispettiv tagħhom.
- Is-sitema tal-I.T. hija żvilupp kbir kemm għas-settur u anke għall-Awtorità. Din is-sistema għandha tkun iddisinjata b'mod speċifiku u tinħadem fiż-żmien stabbilit u skont il-baġit allokat.

- Entitajiet differenti huma involuti f'xi aspetti tal-proċeduri tal-adozzjoni għalkemm dawn il-proċeduri mhumiex parti tal-funzjonijiet ewlenija tal-entitajiet. Dawn l-entitajiet jistgħu ma jkunux daqshekk marbutin biex jikkordinaw u jissimplifikaw il-proċeduri neċessarji.
- Fondi għar-riċerka għandhom ikunu allokati fil-baġit tal-Awtorità.

- L-Uffiċċju tal-Awtorità Ċentrali ser jibni networks u jmexxi laqgħat mal-kontropartijiet rispettivi biex jikkonsolida u jkabbar ir-relazzjonijiet tax-xogħol bejn l-awtoritajiet rispettivi.
- L-Uffiċċju tar-Regolamenti u l-iStandards u l-Uffiċċju tal-Awtorità Ċentrali ser jaħdmu flimkien mal-provditur tal-IT biex jiżguraw li s-sistema hija żviluppata skont il-baġit u ż-żmien allokati.
- L-Awtorità ser tfittex l-assistenza tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tas-Simplifikazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru biex tiżgura li miżuri identifikati li jnaqqsu l-burokrazija u jissimplifikaw il-proċeduri jinżammu mill-entitajiet rispettivi.
- Projezzjonijiet finanzjarji u monitoraġġ tal-ispejjeż ser isaħħu t-talba bikrija mill-Awtorità permezz tal-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali għal fondi żejda biex tkun implimentata l-Istrateġija Nazzjonali.

## RIŻULTATI:

3.1 Il-ħila ta' entitajiet differenti li jaħdmu fi żminijiet stabbiliti hija assessjata oġġettivament;

3.2 Bidliet fil-politiki u prattiċi, taħriġ lill-ġenituri adottivi prospettivi, is-servizzi tat-Tiftix tal-Oriġini u l-ħiliet tat-trobbija adottiva huma bbażati fuq riċerka u evidenza;

3.3 Ir-riżultati tar-riċerka huma mqassma permezz ta' diversi mezzi xierqa;

3.4 Informazzjoni dwar l-adozzjonijiet hija disponibbli mill-ewwel u l-monitoraġġ tas-servizzi tal-aġenziji u l-ġenituri adottivi prospettivi u l-progress tat-tfal li ġew adottati hija kollha bbażata fuq it-teknoloġija;

3.5 Servizzi aħjar ta' adozzjoni tat-tfal minn barra minn Malta huma possibbli permezz ta' koperazzjoni mill-awtoritajiet;

3.6 Qbil bilaterali huwa msaħħaħ minn rapport ta' diliġenza li jiżgura li pajjiżi involuti għandhom strutturi li jieħdu ħsieb l-aħjar interess tat-tfal;

3.7 Rakkomandazzjonijiet mill-Grupp għas-Simplifikar għall-Proċess tal-Adozzjoni jwasslu bidliet li jnaqqsu l-burokarzija;

3.8 Standards, Linji Gwida, politiki u rakkomandazzjonijiet huma rranġati skont informazzjoni miġura skont il-kapaċità tal-aġenziji fl-għoti tas-servizzi tal-adozzjoni.

# KRONOLOĠIJA TAL-PJAN TA’ AZZJONI L-EWWEL SENA



## KRONOLOĠIJA TAL-PJAN TA' AZZJONI T-TIENI SENA



## KRONOLOĠIJA TAL-PJAN TA' AZZJONI T-TIELET SENA



# IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI TAL-ISTRATEĠIJA

L-Istrateġija Nazzjonali ser tkun analizzata kull sena skont il-punti u r-riżultati identifikati mill-Kumitat tal-Monitoraġġ u l-Evalwazzjoni. Dan il-Kumitat ser ikun stabbilit fl-Awtorità mmexxi mill-Kap Eżekuttiv u ssapportjat mill-Uffiċċju ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità u l-Uffiċċju tal-Ispettorat. Il-membri l-oħra tal-Kumitat ser ikunu ċ-Chairperson tal-Pjattaforma Kollaborattiva, iċ-Chairperson tal-Grupp tar-Riċerka Konsultattiv u ċ-Chairperson tal-Grupp għas-Simplifikazzjoni għall-Proċess tal-Adozzjoni. L-analiżi tal-prestazzjoni ser tuża diversi ġbir ta' data biex tassessja jekk ir-riżultati indikati għal kull punt ta' prijorità tlestewx fiż-żmien indikat.



# GĦELUQ

Fir-realtà, l-Istrateġija Nazzjonali qed toħloq sistema li twassal għal tnaqqis ta' ħin ta' stennija mill-ġenituri adottivi prospettivi u t-tfal waqt il-proċeduri tal-adozzjoni. Ser tgħin lil ħaddiema soċjali fil-qasam tal-adozzjonijiet biex jippreparaw aħjar lill-ġenituri adottivi prospettivi fil-mixja tagħhom biex jadottaw it-tfal. Fl-aħħar mill-aħħar, it-tfal adottati ser ikunu aċċertati li hemm servizzi ta' għajnuna speċjalizzati kif u kull meta jkollhom bżonnhom, anke meta jikbru.

Din l-Istrateġija Nazzjonali ser tagħti bidu għal inizjattiva kritika u importanti fuq tul ta' żmien, flimkien ma' politiki, leġislazzjonijiet u standards oħrajn, u tkompli tiżgura li tfal li jgħaddu minn proċeduri ta' adozzjoni huma protetti. L-opinjoni tagħhom hija mfittxija skont l-età rispettiva. Bl-istess importanza, it-tfal u l-familji tagħhom ser ikunu jistgħu jaċċessaw servizzi ta' kwalità li jgħinhom tul ħajjithom.

SCSA
SOCIAL CARE STANDARDS AUTHORITY

**AWTORITÀ TA' STANDARDS TA' ĦARSIEN SOĊJALI**
469, Bugeia Institute
Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1012

**www.scsa.gov.mt**

MINISTERU GĦALL-FAMILJA,
DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETA' SOĊJALI